**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 432/2016/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Aloisia Mifsud Grech**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Aloisia Mifsud Grech**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 303463(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Mejju 2015 għall-ħabta ta' 13.00hrs waqt li kienet fil-fond 46, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Birkirkara:

1. bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha, lil xi ħadd iħallas dejn, jew

jeżegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħlet fi ħwejjeġ ħaddieħor billi fixklet lil Maria Mifsud fil-pussess ta' ħwejjiġha;

2. ħebbet għal Lilian u Ryan Ilie Fenech sabiex tinġurjahom, iddejjaqhom jew tagħmillhom ħsara b'xi mod.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi, filwaqt li lliberat lill-imputata mill-ewwel (1) imputazzjoni, sabitha ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatha ammenda ta' erbgħin Euro (€40).

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-3 ta' Ottubru 2016 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-umli appell u tirriforma, tbiddel u tvarja s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Aloisa Mifsud Grech" billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-esponenti ġiet liberata mill-ewwel akkuża dedotta kontra tagħha, tirrevokaha, tħassarha u tikkanċellaha fil-parti rimanenti tagħha, u minflok teħles lill-esponenti mit-tieni akkuża dedotta kontra tagħha, kif ukoll minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, li l-partijiet ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan l-appell huwa limitat għat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti liema imputazzjoni taqa' taħt Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tisħaq li minkejja li l-Ewwel Qorti sabet li l-aktar verżjoni kredibbli kienet dik tal-*parte civile,* eżami akkurat tax-xhieda juri l-kuntrarju ta' dan. Hija tisħaq li hi u żewġha kienu dejjem konsistenti fix-xiehda tagħhom u li kienu Lilian Fenech u Carmela Mannino li bdew l-aggressjoni fuqha (l-appellanti). Tgħid li dawn riedu li hija toħroġ barra mid-dar u tibqa' barra (flimkien ma' żewġha) sakemm jiġu lura. Tisħaq li meta hija rrifjutat li tagħmel dan, huma bdew jaggreduha b'tgħajjir u b'insulti kif ukoll b'mod fiżiku. Tgħid li m'hemmx konsistenza bejn ix-xiehda ta' Lilian Fenech u Ryan Ilie Fenech. Tgħid li Ryan Fenech daqqa jgħid li hi ppruvat tagħtih daqqa b'inkwatru waqt li ommu waqqfet din id-daqqa u mbagħad fil-kontro-eżami qal li hija (l-appellanti) waħidha ma tagħtux id-daqqa u li ħadd ma waqqafha. Tisħaq li minn naħa l-oħra in kontro-eżami Lilian Fenech qalet li l-Pulizija ċemplulhom biss meta wasal żewġha d-dar u mhux qabel. L-appellanti kkwotat silta (*a fol.* 71 *et seq.*) mix-xiehda mogħtija minn Lilian Fenech fejn din tgħid li huma ċemplu lill-Pulizija meta mar żewġha Alexander u li ma kien ġara xejn bejn meta ommha kienet qaltilhom li jridu joħorġu sakemm mar żewġha. Tisħaq li jekk wieħed iqabbel il-verżjonijiet taż-żewġ naħat wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li l-verżjoni tagħha (tal-appellanti) hija l-aktar verosimili u ċioè li kienu huma li aggredew lilha. Tagħlaq ir-Rikors tagħha billi tgħid li ma hemm ebda prova li hija ħebbet għal xi ħadd.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellanti huwa dwar l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Intqal ħafna drabi li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kemm-il darba hija tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha raġonevolment u legalment. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi din il-Qorti għarblet ix-xiehda li jinsabu fl-atti proċesswali minn liema in suċċint jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mix-xiehda ta' **Aloisia Mifsud Grech** (*a fol.* 10 *et seq.*) jirriżulta li kien hemm disgwid fid-dar ta' ommha fejn kienet qed tabita ma' żewġha. Carmen Mannino riditha tibqa' barra

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

għaliex huma kienu sejrin jieklu barra ma' omm ix-xhud. Wara li rnexxielha tidħol, Lilian Fenech bdiet tgħidilha biex tinżel u toħroġ 'il barra u mbagħad flimkien ma' binha Ryan u Carmen bdew jimbuttawha 'l barra. Lilian qabditha minn xagħarha waqt li Ryan qabdilha wiċċha u għalhekk żgur ma setgħetx issawwat lil ommha. Tgħid li spiċċat bi grif fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċha. Tixhed: *"Kont għadni ġewwa eħe, jien ma stajt nagħmel xejn tlieta (3) kontrija, ħin minnhom anke ommi bdiet timbuttani u vera qbadt kien hemm inkwatru fuq it-telephone table u qbadtu imma mhux se nagħti bih, għidilthom: "Ħalluni, ħalluni". Ma kontx naf x'se naqbad nagħmel għax daru kollha għalija"* (*a fol.* 12). Tgħid li kellha ċertifikat tal-ġrieħi lil għamlilha Ryan u li kellha tmur toqgħod għand ħuha. Tgħid ukoll li kellha ħmura u nefħa u li t-tabib irrapporta li kellha grif. Tgħid li ma refgħet idejha fuq ħadd.

- **Alexander Grech** (ir-raġel tal-appellanti – *a fol.* 19 *et seq.*) xehed li kienet Lilian li mbuttatha 'l barra waqt li sema' lil Carmen tinsulenta lill-appellanti. Jgħid li meta ħarġet l-appellanti, hija kellha ħmura fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċha.

- **Lilian Fenech** (*a fol.* 27 *et seq.*) qalet li ommha ma riditx lill-appellanti u lil żewġha d-dar waqt li ma tkunx hemm hi. Tgħid li kienet l-appellanti li qabditha minn xagħarha u li kienet qabdet il-*frame* biex tagħti bih f'rasu lil Ryan. Tixhed li Ryan kellu xi grif f'għonqu u li l-Pulizija qalulu biex imur il-poliklinika. Hija ċaħdet li kienet għajret lill-appellanti u tisħaq li l-appellanti kienet irrifjutat li tiffirma karta biex isir it-*transfer* tal-arloġġi tad-dawl u l-ilma minkejja li l-ftehim kien hekk. In <u>kontro-eżami</u> qalet li l-appellanti kienet ser tħebb għaliha għaliex ommhom kienet qaltilha li ma riditihiex hemm waqt li jkunu barra għax kienu sabu l-affarijiet neqsin u hija għamlet elenku tal-affarijiet li sabu nieqsa. Tgħid ukoll li bejn meta l-omm qaltilha biex toħroġ u meta kien mar Alexander ma kien ġara xejn. Dwar il-ħmura fuq wiċċ l-appellanti, ix-xhud tgħid li l-ħmura qegħda fuq iż-żewġ naħat ta' wiċċha għaliex l-appellanti hija ruxxana.

Tgħid li hija ċemplet lill-Pulizija minħabba li r-raġel tal-appellanti nsista li ma riedx jitlaq u mhux għax l-appellanti kellha *frame* f'idejha biex tattakka 'l binha. Tgħid li l-appellanti kienet qabditha minn xagħarha.

- **Carmela Mannino** (*a fol.* 48 *et seq.*) xehdet li Lilian kienet qalet lill-appellanti biex ma tidħolx. Tixhed: *"Kif daħlet Louise qalet qed ngħidlek: "Jien żaqqi mimlija, aħna kilna u ħa nitilgħu fuq", imma Lilian waqfitha, qaltilha: "La l-mummy ma tridekx sakemm ma jkunx hemm aħna, ma tistax tidħol", dik. Imbagħad l-ewwelnett imbuttatilna x'ħin il-mummy qalet: "Le ma rridekx hawn", Lilian imbuttatha, qaltilha: "Ma għoqod fuq il-pultruna", mbuttata hekk"* (*a fol.* 49). Tgħid li Lilian u l-appellanti bdew jillitigaw bejniethom u meta daħal Ryan inqalgħet kommossjoni u mar jiddefendi lil ommu li kienet qed tiġġieled mal-appellanti li qabdet *frame* u kienet ser tagħtiehulu fuq rasu jew band'oħra lil Ryan meta żammitha Lilian. In <u>kontro-eżami</u> qalet li ommha kienet ilha ma toħroġ mid-dar minn meta kien beda l-inkwiet. Tgħid li Ryan kien mar iferraq lil ommu u lill-appellanti. Tgħid li l-appellanti qabdet il-*frame* meta daħal Ryan u li l-*frame* ma kienx waqa' u ma nkisirx.

- **Ryan Fenech** (*a fol.* 56 *et seq.*) xehed li sab lil ommu Lilian u lil zitu l-appellanti mqabbdin ma' xulxin. Jgħid li huwa ried biss iferraqhom. Jixhed li l-appellanti ggranfatu minn spallejh u qabdet il-*frame* biex tagħtih bih f'rasu. Kien hawn li Lilian reġgħet daħlet fin-nofs. Jgħid li l-appellanti ma messitux bil-*frame* għax indaħlet ommu. Jgħid li hu ma setax jigref lill-appellanti għaliex ma għandux dwiefer.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment hija tinnota li jkun opportun li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal ġurisprudenza fir-rigward tal-imputazzjoni li l-appellanti ġiet misjuba ħatja tagħha mill-Ewwel Qorti u dwar liema qed tingħata din is-

sentenza. Fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Pace**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna sseħħ meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita' ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fiżika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliż ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta' 'ħebb': *"… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …"* (enfasi miżjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku *multo magis* wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi".

Illi din is-sentenza ta' hawn fuq ġiet ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' April 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Silvio Curmi** (Numru 172/2013) fejn wara li ġiet ċitata, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Imbottatura tista' tiġi interpretata bħala tali manifestazzjoni. Fil-każ in eżami, fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant jgħid li kienet martu li pprovokatu u aggredietu. Meta xehed quddiem din il-Qorti fl-ebda mument ma allega li martu kienet aggredietu u li hu rreaġixxa għal tali aggressjoni. Jidher għalhekk illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi illi kien hemm l-imbottatturi li semmiet mart l-appellant."

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali (u mis-sommarju kif riprodott hawn fuq) jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellanti kienet qabdet *frame* u kienet ser tattakka bih lil Ryan Fenech. M'hemm ebda dubju dwar dan. Minn naħa l-oħra Lilian Fenech saħansitra ġabritilha l-*mobile* u reġgħet għaqqditulha. Carmela Mannino xehdet kif l-appellanti qabdet *frame* u kienet ser tagħti bih fuq ras jew band'oħra ta' Ryan Fenech meta żammitha Lilian. Anke Ryan Fenech xehed li l-appellanti qabdet il-*frame* biex tagħtih bih f'rasu. Apparti minn dan, ma jridx jintnesa lanqas li in kontro-eżami Lilian Fenech xehdet li l-appellanti kienet ser tħebb għaliha għaliex ommhom kienet qaltilha li ma ridithiex hemm waqt li jkunu barra għax kienu sabu l-affarijiet neqsin. L-istess Lilian Fenech qalet ukoll li l-appellanti kienet qabditha minn xagħarha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwotazzjoni li għamlet l-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha mhijiex biżżejjed biex toħloq xi inkonsistenza fix-xiehda ta' Lilian Fenech. Din il-Qorti hija konvinta li Ryan Fenech daħal biex iferraq biss u li l-appellanti, flok li kkooperat u waqfet, iddeċidiet li taqbad il-*frame* kif imsemmi aktar 'il fuq u dana minkejja li hija tgħid li ma kinitx taf x'ser taqbad tagħmel.

Illi din il-Qorti tinnota li tassew li l-inkwiet fil-familja kien ilu sejjer iżda l-appellanti ma għenet xejn biex is-sitwazzjoni tikkalma. Lanqas hemm xi inkonsistenzi notevoli bejn ix-xhieda u l-affidavit ta' PS 609 James Magro. Fil-fehma ta' din il-Qorti, mill-provi miġbura quddiem l-Ewwel Qorti u fid-dawl tal-ġurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq, joħroġ biċ-ċar li l-appellanti ħebbet għal Lilian Fenech u Ryan Fenech u b'hekk jirriżulta li l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha raġonevolment u legalment u għaldaqstant kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellanti fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Aloisia Mifsud Grech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**